

# Evviva l-Festa Tagħna



*Fr Joe Caruana*
**Kappillan**

Dan l-aħħar bdiet qisha tidħol l-idea fost diversi li l-festi għadda żmienhom. Illum in-nies għandha ħafna fejn tiġri u tiddeverti u allura m'għandhiex bżonn iżjed tal-festa tar-raħal biex tieħu pjaċir. Dan l-argument isaħħuh fejn sfortunatament il-festi huma mċappsa b'piki bla sens, esaġerazzjonijiet fl-istorbju bla attenzjoni għal min hu marid, infiq bla qies fil-ġranet ta' festa u mbagħad il-parroċċa u s-soċjetajiet ibatu s-sena kollha minn nuqqas ta' finanzi, tul esaġerat fil-jiem tal-festa u mġiba ta' wħud li xejn ma tixraq lill-festi nsara.

Biss l-elementi ħżiena li naraw fil-festi m'għandux iwassal biex neqirdu l-festi imma biex nirranġaw dak li mhux sewwa. Aħna lill-marid mhux noqtluh irridu imma nfejquh. Barra minn dan, l-element ta' ċelebrazzjoni hu parti integrali mill-mod kif ngħixu l-fidi nisranija tagħna. Bħala nsara niċċelebraw mumenti differenti b'mod differenti. Altru magħmudija u altru tieġ! Altru l-Għid u altru l-Vitorja! Barra l-element reliġjuż, il-festi tagħna huma mżejjnin ukoll b'elementi ta' tradizzjoni u folklor, jaġevolaw lil ħafna soċjetajiet ċiviċi biex jesponu l-kapaċitajiet tagħhom u joffru l-opportunità lill-familji u ħbieb imferrxin ma' Malta u anke barra minn Malta biex jiltaqgħu, iġeddu l-konoxxenzi u jifirħu b'xulxin – kollha elementi li jmorru id f'id mal-fidi tagħna. **Li żgur hu importanti ħafna hu l-fatt li kull aspett ta' kull ċelebrazzjoni tagħna rridu niċċelebraw b'mod nisrani għax il-festa li qed niċċelebraw hi festa nisranija**.

Nirringrazzjaw 'l Alla, aħna l-Mellieħa ma jidhirx li għandna xi esaġerazzjonijiet partikolari li jtappnu l-festa tagħna. Dan hu riżultat ta' xogħol importanti fil-passat, sal-lum, ta' ħafna nies li għandhom il-valuri f'posthom. Għandna tassew għalfejn inkunu rikonoxxenti lejn dawn in-nies. Mhux hekk biss imma llum aħna nagħrfu r-responsabbiltà tagħna mhux biss li ngħożżu dak li rċevejna, u forsi wkoll dak li tant ħdimna għalih, imma wkoll li nibqgħu għajnejna miftuħa biex malli naraw xi problema titfaċċa, naffrontawha mall-ewwel ħalli neħilsu minnha qabel tikber. B'hekk mhux biss inkunu nistgħu niċċelebraw il-festa tagħna b'mod mill-iżjed tajjeb imma wkoll nuru 'l-irħula u bliet oħra li tista' tiċċelebra festa sabiħa li titgawda minn kulħadd b'mod tassew nisrani.

Nawgura ħafna lil kulħadd il-festa t-tajba.

Il-President, Kumitat u membri tal-Għaqda Mużikali Imperial jifirħu lill-Kappillan Dun Joe Caruana bħala r-ragħaj il-ġdid tal-Parroċċa tagħna. Jawgurawlu ħidma fejjieda fost il-Melleħin kollha u jwegħduh l-appoġġ sħiħ tagħhom.